

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 – Wewi Mobile vs EUIPO (Fi Network)**(Kawża T-601/18)**

(2018/C 427/134)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Wewi Mobile, SL (Villena, Spanja) (rappreżentanti: J. C. Erdozain López, L. Montoya Terán u J. Galán López, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali Fi Network – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 026 601

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 1462/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ħliet f'dak li jirrigwarda l-għoti tat-trade mark għal “kalamiti, manjetizzaturi, dimanjerizzaturi”.
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 – Universitat Koblenz-Landau vs EACEA**(Kawża T-606/18)**

(2018/C 427/135)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Universitat Koblenz-Landau (Mainz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. von der Luhe u I. Felder, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara li t-talbiet, magħmula permezz ta' ittra tal-konvenuta tat-8 ta' Awwissu 2018 bir-referenza EACEA/A4/RR-am D(2018)011591, għall-irkupru tal-Grant Agreement 2012-3075/001-001 ta' ammont ta' EUR 22 454,22, ma humiex fondati;
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' EUR 41 408,15 flimkien ma' interessi sa disa' punti perċentwali ogħla mir-rata bażika tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew sa mit-30 ta' Marzu 2018;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.